MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 1013/1997/1

Carmel Schembri
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-sena 1994, ir-rikorrent kien sofra ingustizzja f'li ma giex "re-instated" gewwa l-Korp tal-Pulizija.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent kien beda jahdem fil-Korp tal-Pulizija fl-1963. Illi r-rikorrent kien spicca s-servizz tieghu mill-Korp fl-1990. Illi waqt is-snin li huwa ghamel jahdem fil-Korp ir-rikorrent dejjem qeda dmiru sewwa u qatt ma saru xi rapporti hziena kontra tieghu. Ir-rikorrent kien ghamel xoghol fil-garage tal-Korp

fejn huwa kellu responsabbilta` ta' tmexxija ta' sezzjoni tal-garage tal-Korp tal-Pulizija.

Illi r-rikorrent kien talab formalment ghal diversi drabi biex jerga' jidhol fil-Korp tal-Pulizija. Minkejja dawn it-talbiet u anke minkejja li r-rikorrent kien imwieghed li se jerga' jidhol fil-Korp, ir-rikorrent dejjem gie mcahhad milli jerga' jissieheb fil-Korp. Illi persuni ohra li bhar-rikorrent kienu talbu li jergghu jissiehbu fil-Korp tal-Pulizija regghu dahlu jahdmu mal-Pulizija. Illi r-rikorrent kien konvint li huwa ma regax gie re-instated fil-Korp tal-Pulizija minhabba ragunijiet politici u l-aktar minhabba t-twemmin politiku tieghu. Illi r-rikorrent minhabba li huwa qatt ma rega' gie re-instated sofra tbatija finanzjarja il laqtet lir-rikorrent u anke lill-familjari tieghu.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent jerga' jigi re-instated fil-Korp tal-Pulizija u dan b'lura mid-data li r-rikorrent kien ghamel l-ewwel talba biex jerga' jissieheb fil-Korp, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas ammont f' kumpens ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

1. Illi fir-rigward tat-talba tar-rikorrent sabiex huwa jerga' jigi re-instated fil-Korp tal-Pulizija b'lura mill-ewwel talba tieghu, ghandha tigi michud peress illi:

i. Ir-rizenja tar-rikorrent mill-Korp tal-Pulizija kienet wahda spontanea u in konsegwenza tal-fatt illi huwa kien hareg bil-pensjoni u ghaldaqstant la kien hemm u lanqas hemm xi obbligu fuq il-Kummissarju tal-Pulizija jilqa' t-talba tar-rikorrent ghal re-instatement.

ii. Illi r-rikorrent kien accetta d-decizjoni sew tal-Ministru ta' l-Intern kif ukoll dik tal-Kummissarju tal-Pulizija u ma jirrizultax illi huwa kkontesta tali decizjoni.

2. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi ma jinkwadrawx ruhhom fl-Art 6 ta' l-Att VIII tal-1997.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ra s-sentenza ta’ dan it-Tribunal tal-25 ta’ Jannar 2001 dwar l-inkompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** dwar l-eccezzjoni li re-instatement ma jinkwadrux ruhu fit-termini tal-artikolu 6 tal-Kap 394 u fejn it-Tribunal cahad l-istess eccezzjoni ghal motivi hemm indikati.

Xehed ir-rikorrent li kkonferma l-ezattezza tal-fatti fir-rikors. Fl-affidavit tieghu semma li dahal fil-Korp tal-Pulizija fl-1963 bhala kuntistabbli u spicca mill-Korp fl-1990. Qal li fit-18 ta’ Settembru 1994 kiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija, fejn talab li jerga’ jigi re-instated fil-Korp liema talba ma kenitx intlaqghet. Semma li meta kien ghadu fil-Korp kien stazzjonat fid-distrett ta’ Bormla u sussegwentement gie trasferit fil-garaxx tad-Depot bhala mechanic. Qal li xogholu dejjem ghamlu mill-ahjar li seta’ u zied jghid li hu kien inkarigt sabiex jahdem fuq il-vetturi li juzaw il-Prim Ministri ta’ Malta kif ukoll il-vetturi tas-security tac-CID. Semma li qatt ma kellu xi crime kontra tieghu u qatt ma baghtu ghalih biex ikellmuh fuq xi passi dixxiplinari.

Meta applika ghar-re-instatement kellu 54 sena. Ir-rikorrent hass li saret ingustizzja mieghu ghax kien hemm

persuni ohra ex-pulizija li talbu ghar-re-instatement li gew accettati li l-eta` taghhom kienet kwazi bhal tar-rikorrent. Dawn kienu PC 342 [li kellu 56], PC 636 [li kellu 57], PC 743 [li kellu 52], u PC 642 [li kellu 52 sena]. Semma li kien hemm izjed nies li gew re-instated fil-perjodu li applika ghalih ir-rikorrent liema persuni kienu kollha ta' kulur politiku bhal tal-Gvern ta' dik il-gurnata. Zied jghid li kien ghamel talba ohra u cioe` fl-1 ta' Ottubru 1995 liema talba kienet rifjutata wkoll. Iddecieda li jmur ikellem lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur George Grech izda kien gie nfurmat li dan ma setax ikellmu u meta kien icempillu dejjem inghata kull forma ta' skuza.

Semma li wara kien kellem lill-Ministru Dr. Tonio Borg fejn dan kien sema' l-kaz tieghu. Il-Ministru dejjem kien jisimghu u skond hu ma kellux ikun hemm problemi biex jerga' jidhol fil-Korp. Kompla billi qal li f'okkazzjoni minnhom kien intqal lilu li l-Kummissarju ta l-kunsens tieghu li hu jerga' jidhol u li l-inkartament tar-risposta kien qieghed l-OPM. Minkejja dan kollu izda baqa' minghajr risposta u finalment kien intqal lilu li ma kienx accettat. Wara kiteb ittra lill-Prim Ministru personali, fejn qallu bl-ilment u bix-xewqa tieghu izda dik it-talba ma gietx milqugha.

In kontro-ezami r-rikorrent qal li hu telaq mill-Korp tal-Pulizija fl-1990 ghax kien ghadu kif miet missier il-mara, u l-mara tieghu kellha problemi li kienet qeghedha thossha "down" u hu hass li biex jiehu hsieb l-interessi tal-familja kellu johrog mill-Korp. Semma li hu kien eligibbli ghall-pensjoni fiz-zmien meta rtira. Qal li r-request tieghu ghar-re-instatement kienet bil-miktub u meta rcieva r-risposta fin-negattiv ikkonkluda li r-raguni kienet politika. Semma li dizgwidi ma' shabu qatt ma kellu, izda bdew meta nbidel il-Gvern fl-1987.
Xehed <u>Vanni Vella</u> Assistent Segretarju fil-Ministeru tal-Intern li semma li lir-rikorrent jiftakru ghax kien mar diversi drabi jkellmu l-Ministeru. Qal li kien rega' applika biex jidhol lura fl-1994 fil-Korp tal-Pulizija. Dak iz-zmien kien ikun hemm kazijiet ta' re-instatement. Wara li l-Ministru Tonio Borg sar Ministru tal-Intern f'April 1995 ir-rikorrent kien gie jkellmu. Dak iz-zmien ir-re-instatements kienu

mizmumin fuq decizjoni tal-Ministru ta’ qabel. Cahad li hu kien qal lir-rikorrent li l-Kummissarju kien iffirma, zgur li le.

Xehed is-Supretendent Ronald Kelly li semma li PC 636 Raymond Cassar qatt ma gie re-instated. Dak kien dahal fil-Pulizija fl-1987 u ghadu hemm sal-lum jigifieri dan ma kienx wiehed minn dawk re-instated. Dwar PC 342 Alfred Attard dan gie re-instated 19/9/1994 [dob 12/1/38], PC 643 Emanuel Deguara dan gie re-instated 5/10/1993 [dob 25/7/44], PC 743 Anthony Pisani gie re-instated 18/12/1995 [dob 5/12/43].

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent applika ghar-re-instatement izda qatt ma inghatalu. Irrizulta wkoll li meta kien jahdem fil-Korp tal-Pulizija r-rikorrent kien dedikat ghax-xoghol u kapaci u ma kienx hemm ilment fuq ix-xoghol tieghu. Spicca fuq talba tieghu stess [skond ma jghid hu ghar-ragunijiet familjari] izda mhux minhabba xi rapport negattiv fil-konfront tieghu. Meta rega’ applika ghal re-instatement u prova jinsisti dwar dan kien ghalxejn. Huwa veru li kif eccepixxa l-intimat fl-ewwel eccezjoni tieghu ma kien hemm ebda obbligu li jaccetta t-talba tar-rikorrent. Izda rrizulta li applikazzjonijiet ohra ghar-re-instatement gew accettati u tar-rikorrent ma gietx accettata. Ir-rikorrent allega li l-kulur politiku ta’ dawk li kienu accettati kien differenti minn tieghu. Dan ma giex kontestat. Irrizulta li bejn wiehed u iehor min gie accettat kien ta’ bejn wiehed u iehor l-istess eta` bhal tar-rikorrent. Raguni valida ghaliex tar-rikorrent ma gietx accettata ma nghatatx. Tammonta din ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 tal-Ligijiet ta’ Malta?

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta’ Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

“Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li

f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv [minhabba ormai l-eta` tar-rikorrent], it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------